# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 112/01mm**

**Malta International Airport plc**

**vs**

**Rickard Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u erba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm904.50), li kienu thallsu lis-socjeta' konvenuta indebitament mis-

socjeta' attrici fl-14 ta' Novembru, 2000, permezz ta' cekk b'numru 020265, bhala pagament ghall-akkomodazzjoni ta' numru ta' persuni li kienu ppartecipaw fil-Malta International Airshow u li waqt iz-zjara taghhom F'Malta kienu alloggjaw fis-Sliema Hotel li s-socjeta konvenuta hija l-operatrici taghha, stante li s-socjeta' konvenuta kienet diga' thallset ghall-imsemmija akkomodazzjoni minn terzi persuni.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Jannar, 2001, u l-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontra s-socjeta' konvenuta kontestwalment ma' l-att u bl-imghax, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tideciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.